# Kunsill Lokali Marsaskala

228, Triq is-Salini, Marsaskala, Malta
Tel : 21637171, Fax : 21637744,
E-mail : marsaskala.lc@gov.mt


Minuti tal-laqgħa Nru : **24** li nżammet il-Kunsill Lokali Marsaskala nhar **it-Tnejn 11 ta' Lulju 2011 fil-5.30p.m.**

## L-Ewwel Seduta

| ***Preżenti*** | ***Membri*** |
|---|---|
| Is-Sindku | Is-Sur Mario Calleja |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur John B. Camilleri(daħal għall-laqgħa fit-8.15p.m)<br>Is-Sur George Farrugia<br>Is-Sinjura Carmen Fearne<br>Is-Sur Lawrence Ciantar<br>Is-Sur Jesmond Mugliett<br>Is-Sur Daniel Spiteri<br>Is-Sur Sandro Gatt (daħal għall-laqgħa fis-6.15p.m) |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Is-Sur Josef Grech |
| Skużat | Il-Viċi Sindku is-Sur Charlot Mifsud |

***Aġenda***

1. Konsiderazzjoni w Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta Numru 23.
2. Punti li joħorġu mill-Minuti.
3. Komunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill.
4. Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.
5. Aġġudikazzjoi tat-Tender KLM 2011/07 – Tender for Restortion of Saint Spiridione Niche and Statue.
6. Mistoqsijiet.
7. Mozzjonijiet.
8. Informazzjoni dwar l-attivitajiet mill-Kunsilliera.
9. Aġġornament.

Mayor
**Mario Calleja**

Deputy Mayor
**Charlot Mifsud**

Councillors
**John Baptist Camilleri**
**Carmen Fearne**
**Lawrence Ciantar**
**George Farrugia**
**Sandro Gatt**
**Jesmond Mugliett**
**Daniel Spiteri**

Executive Secretary
**Josef Grech**

1.0 ***Qari w approvazzjoni tal-Minuti :***

1.1 **Laqgħa Nru 22(1) tat-18 ta' Mejju 2011:**

Il-minuti ġew meħuda bħala moqrija.

1.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta *email* fl-assenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sabiex paġna 2 punt nru 2.1.3 it-tielet paragrafu jinqara *" Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal illi sa fejn jaf hu l-Kunsill kien għadu ma ħax deċiżjoni dwar x'ser jiġri fil-ġnien".*

1.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta *email* oħra tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sabiex paġna 3 paragrafu 10 jinqara *"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li jipretendi li l-MEPA għandha tara li xejn ma jsir jekk mhux skont ir-regoli tal-permess".*

1.1.3 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 3 paragrafu 11 għandu jinqara *"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar issuġerixxa li nistaqsu lill-MEPA xi proġetti jistgħu jsiru qabel ma noħorġu l-Expression of Interest minħabba li qed jgħaddi ħafna żmien fir-rigward tal-bini amministrattiv għaliex din il-binja għandna bżonna".*

Is-Sindku staqsa l-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar jekk kienx qed jaqbel li l-bini amministrattiv jsir fil-ġnien.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar irrisponda fl-affermattiv. skond il-permessi tal-bini li għandna diġà mill-MEPA.

1.1.4 Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta email fl-assenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri illi paġna 4 punt 3.2 il-5 paragrafu jinqara *"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li huwa mportanti illi l-persuna li ser tissuplixxi l-gass bil-vettura jkollha post adekwat li ma jkunx ta' ostaklu għall-vetturi".*

1.1.5 Is-Segreatrju Eżekuttiv preżenta email fl-assenza tal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri illi paġna 5 punt 3.3 it-2 paragrafu jinqara *"Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li biex issir din it-triq 'one way' bil-kontra, Triq is-Sajjieda għanda ssir 'one way' titla biss biex b'hekk inaqqsu l-periklu minn nċidenti serji tat-traffiku".*

1.1.6 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni illi paġna 5 punt 3.6.1 għandu jiżdied paragrafu wara t-tieni paragrafu u jinqara *"Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ippropona li dawn il-pemessi jkunu bla ħlas".*

**Wara konsiderazzjoni, l-minuti ġew unanimament approvati kif emendati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.**

- Il-Kunsillier is-Sur George Farrugia nforma lill-Kunsilliera li kien attenda kors tat-turiżmu fejn qal li dak kollu li ssuġerew fil-laqgħa, il-Kunsill tagħna jaggħmel kollox apparti li qatt ma stidinna gwidi.

Is-Sindku fakkar lill-Kunsillier is-Sur George Farrugia sabiex jikkordina laqgħa ma' Ċanċu u l-Eden rigward l-proġett tal-ERDF fejn jidħol it-turiżmu.

2.0 ***Punti li joħorġu mill-Minuti:***

Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

3.0 ***Kommunikazzjoni u Korrispondenza li s-Sindku jixtieq li jresseq quddiem il-Kunsill:***

3.1 **Stima għal railing madwar il-monument tad-Douzelage:**

Is-Sindku preżenta l-kwotazzjoni ta' €719.80 inkluż il-vat sabiex jsir *railing* mhux iktar għoli minn pied mad-dawra tal-monument bħala protezjoni.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir dan ir-*railing*.

3.2 **Kwotazzjoni ta' żewġ *floodlights* għal pitch tal-futbol (35/3498/11/I):**

Is-Sindku preżenta kwotazzjoni sabiex jinxtraw żewġ *floodlights* għal *pitch* tal-futbol li jiswew €662.41 inkluż il-vat.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn iż-żewġ *floodlights*.

3.3 **Rigward it-tender ta' Pjazza Mifsud Bonnici (35/3474/11/O):**

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega fuq l-proċess ta' dan it-*tender* huwa kompla jgħid illi dan huwa *tender* impenjattiv ħafna sabiex il-Perit jkun jistgħa joħroġ ir-rapport tiegħu. Huwa kompla jgħid illi l-Perit ikkonsulta ma Inġinier rigward id-dawl.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-maġġoranza tal-kuntratturi li tefgħu din it-*tender* użaw l-istess fornitur għad-dawl. Huwa kompla jgħid illi diġa qbiżna ż-żmien stipulat sabiex jiġi ġġudikat dan it-*tender* u għaldaqstant għandna nħeġġu lill-Perit sabiex jfittex jħejji ir-rapport.

Is-Sindku żied jgħid li kif appena l-Perit jagħmel ir-rapport jkun jistgħa jiġi u jispjegah l-Bord aġġudikattiv.

3.4 **Informazzjoni dwar il-proġetti tal-Unjoni Ewropeja 212 – Regeneration of the tourism market u 313 ERDF Gal Xlokk:**

Is-Sindku spjega illi wasalna fil-fażi finali ta' l-applikazzjonijiet rispettivi, wara li saru diversi emendi kif ġew mitluba. Huwa kompla jgħid illi dawn m'humiex faċli u huma mpenjattivi ħafna għal-konsulent li qiegħed jimla l-applikazzjoni.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet illi veru li fih ħafna xogħol pero` il-konsulent kien jaf li proġett kien impenjattiv ħafna.

➢ ***Il-Kunsillier is-Sur Sandro Gatt daħal għal-laqgħa fis-6.15pm***

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar talab sabiex jara l-pjanti ta' kif ġej l-*leisure park* tal-proġett GAL Xlokk.

Is-Sindku preżenta l-pjanta ta' dan il-*leisure park* u ta' spjegazjoni ta' din il-pjanta.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hemm it-tabelli neqsin u qal li huwa mportanti illi jkun hemm tabelli li jindikaw x'inhuma l-apparat.

Il-kunsill qabel unanimament

3.5 **Lease of Tenement in Salini Street Marsaskala:**

Is-Sindku ppreżenta it-tiġdid tal-kuntratt tal-kiri tal-Kunsill li jiskadi sal-31 ta' Lulju 2012.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jiġi mġedded dan il-kuntratt.

3.6 **Ittra lit-TM rigward l-Arriva:**

Is-Sindku qara il-kontenut ta' din l-ittra lill-Kunsilliera preżenti, apparti hekk huwa żied jgħid li d-diretta minn Marsaskala għal Bormla tneħħiet u stedinhom jgħaddu l-opinjoni tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett spjega fid-dettal l-opzjonijiet ta' kif tista tiġi solvuta din il-problema. Huwa kompla jgħid illi jekk in-numru 91 tgħaddi minn Triq il-Qaliet, Bellavista u ż-Żonqor ma jkolliex għalfejn titlaq kull 10 minuti.

Is-Sindku qal li tkun soluzzjoni tajba jekk in-numru 124 li tiġi miż-Żejtun, tgħaddi min Triq il-Gemmugħa, Triq il-Friefet, Triq Salvu Buħagair, Triq Ġebel Ħanxul, Triq Sant'Antnin, Triq Sant'Anna, Triq La Sengle, Triq il-Blajjiet, Triq iz-Zonqor, Triq ix-Xatt, Triq is-Salini u lura għal *bus terminus*. Hekk tiġbor l-dawk kollha li jkunu jridu jinżlu x-xatt biss jew li jkunu jridu jmorru l-Belt biex jaqbdu rotta 91.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal ukoll li soluzzjoni oħra hija li jkun hemm van li jagħti servizz ċirkulari mal-lokalita` kollha u jiġbor in-nies u jwaqqafhom fil-*bus terminus* li minn hemm titlaq in-numru 91 kull 10 minuti. Huwa kompla jgħid li fl-opinjoni tiegħu hija soluzzjoni tajba ħafna.

Is-Sindku qal li jkun aħjar jekk in-numru 91 li tibqa tilgħa dirett il-Belt iddur mal-lokalita` kollha li jfisser Żonqor, Kappara (ħdejn Jerma) u Bella Vista.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-problema ta' kif kienet fil-passat għal minn jkun jrid jirkeb mill-Blata l-Bajda, MCAST u Fgura xorta waħda ser tibqa għax ser isibu tal-linja mimlija u jibqgħu jistennew fuq l-*istage* speċjalment la tibda l-iskola.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qbel ma dak li qal s-Sindku u qal li hemm soluzzjoni oħra li n-nru 91 li tiġi mill-Belt tidħol San Tumas u titla kull siegħa Bella Vista u ż-Żonqor. Huwa kompla jgħid li anke is-servizz ta' mal-lejl jrid jiġi rranġat għaliex jwaqqfu lil-kulħadd ix-xatt.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex niltaqgħu mat-TM u l-Arriva. Il-Kunsill huwa konxju ukoll tal-fatt li r-rotot preżenti se jkollhom jibqgħu sa Ottubru iżda qabel li għandu jiltaqa ħalli jwassal l-messaġġ ta' l-Iskalin sabiex jitjieb is-servizz.

3.7 **Plakka għal Monument tad-Douzelage:**

Is-Sindku ppreżenta kopja ta' kif għanda tiġi din il-plakka.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.8 **Red Palm Weevil Traps (35/3647/11l):**

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lil Kunsilliera illi ser jitpoġġew trappolli għal bumunqar fil-lokalita`.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni biex din is-sena noqgħodu attendi meta jinqagħat il-palm u mhux jiġri bħas-sena l-oħra.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi din is-sena il-palm ser jinżabar biss mill-ELC u minn irid il-palm jmur jiġbru mingħand l-ELC.

Is-Sur Lawrence Ciantar qal li aħjar nwaħħlu tabelli li l-palm ma jistgħax jinżabar minn ħadd ħlief mill-kuntrattur tal-Kunsill.

Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

3.9 **Cirkulari AKL Cirk 47/2011 – Devoluzzjoni ta' dawl tat-toroq (35/3619/11/I):**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera b'din il-komunikazzjoni illi d-dawl tat-toroq mhux jibqa taħt ir-responsabilita` tal-Kunsill iżda ser jgħaddi f'idejn il-Kumitat Reġjonali jispjega aħjar fil-laqgħa li jmiss wara laqgħa tar-reġjun.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar staqsa jekk d-devoluzzjoni ser tgħaddi f'idejn il-Kumitat Reġjonali u jekk ser jitnaqssu l-flus assenjati lill-Kunsill.

Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbu illi għalkemm għad hemm xejn ikkonfermat il-probabilita hija li l-fondi għal manutenzjoni fuq dawl tat-toroq ma jibqux jingħataw lill-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li ser tinħolqilna problema peress li għadna kif ħadna id-devoluzzjoni tad-dawl tal-*promenade.*

Is-Sindku wieġbu li għalissa għad m'hemm xejn iffinalizzat u għaldaqstant huwa importanti illi għal kull laqgħa jkun nfurmat il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri sabiex jkun jista jattendi minħabba li d-dawl hija responsabbilita` tiegħu.

3.10 **PA 00051/11(Addendum)(35/3656/11/I):**

Is-Sindku ppreżenta komunikat fl-assenza tal-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud fejn talab li tintbagħat *reminder* ta' ittra li kienet ntbagħtet lil Dr Louis Galea dak iż-żmien kien il-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni rigward il-bini ta' iktar klassijiet fl-Iskola Primarja ta' Marsaskala.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne spjegat illi dak iż-żmien il-Fondazzjoni ta' l-Iskejjel kienu iddeċidew li jibnu blokk in-naħa ta' wara ta' l-iskola iżda peress li dak iż-żmien ma kienx hemm il-permess li jibnu diversi sulari t-talba ġiet rifjutata u għaldaqstant issa is-Surmast għandu l-permessi neċessarji sabiex tinbena blokka ħdejn il-bini eżistenti.

Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri kompla jispjega kif skond il-permessi maħruġa ser tiġi l-iskola filwqt il-ħsieb tal-Fondazzjoni Skejjel t'għada kienet li l-blokka tiżdied ma dik eżeistenti u mhux issir waġda għaliha.

Kien hemm diskussjoni bejn il-Kunsilliera preżenti illi qalu li ssa inutli tinbagħat *reminder* ta' kif kien ippjanat li jinbena meta fil-preżent il-pjanta ġiet differenti u l-permessi neċessarji ġew approvati mill-MEPA.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex din il-komunikazzjoni tiġi diskussa fil-preżenza tal-Viċi Sindku s-Sur Charlot Mifsud.

3.11 **Attivita` f'Marsakala:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi nhar il-Ħadd 17 ta' Lulju ħdejn il-*Waterline* ser jkun hemm *6 piece band* li ġejja mill-Awstralja fejn ser jkun hemm ċant u żfin. Huwa kompla jgħid illi huma għandhom il-permessi neċessarji u li l-Kunsill mhux ser joħroġ l-ebda fondi ħlief li nġibu Puluzija wieħed għaliex Triq is-Salini quddiem il-*Waterline* ser tkun magħluqa.

Il-Kunsill qabel unanimament li din l-attivita` issir b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali ta' Marsaskala fejn jissuplixxu l-permessi meħtieġa, palk kif ukoll l-puluzija meħtieġa.

3.12 **Servizz tal-Green Mt:**

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett spjega lill-Kunsilliera illi dan is-servizz qiegħed ħażin ħafna għaliex l-iskips tas-separazzjoni qedgħin jiġu mbattla darba fil-ġimgħa u mhux qed jiġu maħsula mentri l-ftehim kien li jitbagħttlu darbtejn fil-ġimgħa u jinħaslu. Huwa kompla jispejga illi saru diversi laqgħat sabiex tiġi solvuta din il-problema iżda għalxejn.

Il-Kunsillier is-Sur Jesmond Mugliett qal ukoll illi l-flus dovut lilna mill-Green MT għadna ma rċevejnijhomx għalkemm ntbagħatet l-*invoices* u diversi *reminders*.

Il-Kunsill qabel unanimament illi nibagħtu ittra reġistrata fejn nitolbu laqgħa magħhom u jekk ma jitlaħaqx ftehim jittieħdu passi legali.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li l-kontenituri tal-*istainless steel* qedgħin għalxejn għax huma żgħar u mhux qed jitbattlu.

Is-Sindku wieġbu illi jekk jitbattlu kuljum kif suppost huma tajbin. Huwa kompla jgħid illi jekk jagħtuna ċ-ċavetta tagħhom jkun jistgħa jiġborhom il-kolletur tagħna u jpoġġijom ġo boroż fejn wara jiġu separati.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill illi l-iskips tas-separazzjoni li hemm fi Triq id-Daħla ta' San Tumas għandhom jitneħħew għax qed jkunu mimlija u minħabba f'hekk qed jkun hemm ħafna ġrieden u qed jagħmlu ħsara fl-għelieqi tal-bdiewa.

3.13 **No Ojection għal-Big Screen mitlub mill-47 Summer Nights, Triq ix-Xatt:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi is-sid tal-*47 Summer Nights* qed jitlob in-*no objection* tal-Kunsill sabiex jagħmel *big screen* fil-ħamrija quddiem dan il-ħanut.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu ma jsibx oġġezzjoni illi jingħata l-permess sakemm jinbnew il-bandli l-ġodda w imbagħad wieħed irid jara.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex tinħareġ in-*no objection* iżda jrid jkollu l-permessi neċessarji mill-entitajiet kompetenti.

3.14 **Kompetizzjoni tal-Playstation:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi fil-31 ta' Lulju 2011 ser ssir kompetizzjoni tal-*playstation* fil-Sala tal-Kappillan. Għal din il-kompetizzjoni ser jieħdu sehem madwar 60 żgħażugħ.

Il-Kunsill qabel unanimament ma din l-attivita`.

3.15 **Tieġ ta' Karmena Abdilla:**

Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera minn irid biljetti għal din il-kummiedja. Huwa kompla jgħid illi fil-*weekends* ser ngħamlu mejda ħdejn ir-riklam li hemm fi Triq ix-Xatt, u ser jkun hemm 3 volontiera sabiex jbigħu l-biljetti.

Is-Sindku qal ukoll illi l-Ħadd 7 ta' Awissu 2011 is-Sur Alfred Kitcher ser jagħmel maratona ta' 12 il-siegħa għawm fil-*pitch* tal-*waterpolo* għall-*Puttinu Cares*.

3.16 **Planter quddiem l-Eks Beluga:**

Is-Sindku nforma l-Kunsilliera illi l-Perit Mark Arrigo talab sabiex jitwaħħlu bollards tal-ħadid mad-dawra tal-bankina sabiex jiġi evitat xi nċident.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex jsiru *u shaped bollards* kif għamel il-*Waterline Restaurant*.

3.17 **Bollards ħdejn l-Eks Jerma Palace Hotel.**

Is-Sindku qal li ser jitwaħħlu *bollards* tal-konrit ħdejn l-Eks Jerma Palace Hotel.

Il-Kunsill qabel unanimament.

3.18 **Xtieli madwar il-luzzu u tindif tal-playingfields:**

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li hu talab lill-ELC jibagħtu kwotazzjoni sabiex jinżergħu xi xtieli madwar il-luzzu. Huwa kompla jgħid illi kien nforma diversi drabi lill-ELC bil-bżonn li jinħaslu l-*playingfields* iżda dan ix-xogħol ma sarx u għaldaqstant qal li għandna nibgħatu ittra lill-ELC fejn nitolbuhom sabiex isir dan ix-xogħol u fin-naqqas li ma jsirx dan ix-xogħol jiġi mqabbad kuntrattur ieħor u l-flus jiġu mnaqqsa mill-ELC.

Il-Kunsill qabel unanimament sabiex nibgħatu din l-ittra.

3.19 **Ġemellaġġ mal-Kunsill tal-Qala:**

Is-Sindku nforma lill-Kunsilliera illi l-Viċi Sindku tal-Qala is-Sur Raymond Scerri kien iltaqgħa mal-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri fejn ġibed xi ritratti u kiseb informazzjoni dwar postijiet storiċi li għandna ġewwa Marsaskala. Wara dan l-eżerċizzju l-Viċi Sindku tal-Qala ħejja nformazzjoni utli ħafna flimkien ma *sketches* tal-postijiet storiċi sabiex it-tfal jkunu jistgħu jpenġuhom. Huwa kompla jgħid li dan huwa riżultat ta' kemm joħorġu affarijiet utli mill-ġemellaġġi. L-abbozz tal-ktieb tal-tpinġija għadda f'idejn il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne biex tikkomunika mas-Sur Raymond Scerri biex jiffinallizzawh flimkien.

3.20 **Expression of Interest ta' Ġnien Sant'Anna:**

Is-Sindku qara draft ta kif ġie mħejji l-*Expression of interest* flimkien mal-Perit, hu staqsa lill-Kunsilliera preżenti sabiex jagħmlu l-kummenti tagħhom.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Ciantar qal li għanda issir laqgħa pubblika wara.

Is-Sindku wieġbu illi fil-kontenut li qara hemm mniżżel illi qabel ser ssir laqgħa pubblika u wara l-pjanti ser jkunu disponibbli għal pubbliku sabiex jarawhom u jgħaddu l-kummenti.

Il-Kunsillier is-Sur Lawrence ciantar qal li tajjeb jekk il-Perit tkun preżenti għal-laqgħa tal-Kunsill sabiex jiġu spjegati l-pjanti.

Il-Kunsilliera preżenti kollha qablu mal-kontenut ta' l-*Expression of interest.*

Is-Sindku qal li finalment f'dan ir-rapport hemm dak kollu illi ilu jisħaq sena sħiħa.

3.21 **Airconditioner għat-Training Centre:**

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Feanre stiednet il-Kunsilliera jżuru t-*training centre* issa li hu lest. Hija kompliet tgħid illi pruvajna nużaw *airconditioner* wieħed għal żewġ sulari pero xorta ma solvewx il-problema u għaldaqstant hi ssuġġerit li jinxtara *airconditioner* ieħor.

Il-Kunsill qabel unaninament li jinxtata *airconditioner* u *fire extinguisher.*

3.22 **Jum Marsaskala:**

Is-Sindku qal illi d-*D Consulta* offrew sabiex jistiednu żewġ persuni minn kull muniċipalita tad-Douzelage. Huwa kompla jgħid illi l-*flights* ser jitħalsu mill-individwu iżda l-akkomodazzjoni flimkien ma l-ikel ser jitħallas mid-*D Consulta.* Is-Sindku qal illi peress li l-programm ta' Jum Marsaskala huwa mimli allura kellu jinqasam f'żewġ partijiet fl-istess ġurnata tal-4 ta' Settembru 2011. Filgħodu nibdew bil-quddies tal-11.30a.m bl-Ingliż peress illi l-mistiedna jitkellmu bil-lingwa Ingliża, wara titella l-bandiera ta' Marsaskala bħala parti miċ-ċelebrazzjoni u minn hemm nibqgħu sejrin biex nawguraw il-monument tad-Douzelage.

Is-Sindku xtaq ukoll illi l-monument jiġi mbierek mill-Kappillan u eżattament wara, l-membri tad-Douzelage flimkien mal-Kunsilliera jkunu mistiedna għal *snack* għand ir-restorant ta' Grabiel ta' mhux aktar minn €10 kull persuna. Peress li issa ser neqilbu l-proċedura u minflokk riċeviment għal-għaqdiet u għal-membri tas-sotto kumitat jsir fil-Milied ser jsir f'Jum il-Lokal, għanda ssir bibita` filgħxija wara li jinġabru tlett kwotazzjoni. Il-bibta` ssir wara l-kunċert li ser jsir fi Triq San Ġorġ u l-ftuħ tal-esibizzjoni tal-arti minn Għajn Ċiniża.

Il-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sindku qal li l-erba bnadar li ser jitellgħu ħdejn il-monument ser jiġu f'din l-ordni, l-ewwel bandiera ser tkun ta' Malta, t-tieni tal-Ewropa, t-tielet ta' Marsaskala u l-aħħar waħda ta' Chojna peress li din hija l-lokalita` li għanda l-Presidenza tad-Douzelage u fil-preżent ma għandiex l-bandiera tagħha peress li għadhom qed jistennew li jiffurmaw il-pajjiżi kollha.

Il-Kunsill qabel unanimament.

4.0 ***Awtorizazzjoni tal-Ħlasijiet.***

Ġiet ippreżentata lista ta' kontijiet bi kreditu, u dawk li tħallsu b'urġenza biex jiġu approvati għall-pagamenti.

4.1 Il-Kunsillier is-Sur Lawrence Cianatar ta spjegazzjoni għaliex pagament nru 548 tnaqssulu l-flus.

Il-Kunsill approva unanimament dawn il-pagamenti

- ***Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri daħal għal-laqgħa fis-8.15pm***

5.0 ***Aġġudikazzjoni tat-Tender KLM 2011/07 – Tender for Restoration of Saint Spiridione Niche and Statue:***

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta *tender* waħda li ntefgħet għal din is-sejħa:

| | | |
|---|---|---|
| 1. | KAP Services Ltd | €6900.00 |

Il-Kunsill qabel unanimament illi nitolbu l-Perit jagħmel ir-rapport tiegħu jekk dan il-kuntrattur għandux kollox *in regola* għal dan il-kuntratt. F'kaz li kollox jkun *in regola* għandu jibda x-xogħol immedjatament minħabba li qbiżna ż-żmien stipulat.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsilliera illi l-ammont li daħħalna għal dan il-proġett huwa ta' €12,000 u għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament sabiex niktbu lis-Sur Walker tal-MEPA sabiex nitolbuh jekk nistgħux bil-flus li jkun fadal nagħmlu xi wieħed miż-żewġ proġetti l-oħra li kellna pjanati għar-restawr.

6.0 ***Mistoqsijiet:***

Ma kienx hemm mistoqsijiet.

7.0 ***Mozzjonijiet:***

7.1 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur George Farrugia (#264 - 16/6/11):**

*"Jipproponi sabiex isir reserved parking għall-persuni b'diżabilita` quddiem il-Brighton take away."*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri ssuġerixxa illi dan il-parkeġġ isir fil-*parking area* ħdejn Pizza by Luca.

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir f'dan il-parkeġġ u għaldaqstant niktbu lit-TM.

7.2 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – s-Sur George Farrugia (#265 - 24/6/11):**

"Jipproponi sabiex isir *reserved parking* għall-persuni b'diżabilita` fejn l-entratura tal-*Inspire."*

Il-Kunsill qabel unanimament li jsir ħdejn l-entratura u għaldaqstant niktbu lit-TM.

7.3 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#266 - 27/06/11):**

*"Jipproponi li kemm jista` jkun malajr noħorġu tender ġdida sabiex nagħmlu l-patching, tant meħtieġ madwar il-lokal kollhu. Qiegħed nipproponi din minkejja li diġa ħtarna kuntrattur biex jagħmel ix-xogħol ta' Patching iżda dan għal raġuni jew oħra dejjem injora t-talbiet tagħna u ġie jaqa` u jqum mill-Kunsill tagħna. Ħlejna ħafna ħin u enerġija tal-Kunsill u tal-Perit tagħna u baqa` ma sar xejn. Għalhekk irridu inwettqu l-obbligi tagħna u nagħmlu l-patching kif meħtieġ".*

Il-Kunsill qabel unanimament li għalissa din il-mozzjoni tinżamm pendenti minħabba l-fatt li l-kuntrattur tal-Kunsill kien se jibda finalment din il-ġimgħa stess.

Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill illi ser naqbżu l-ammont tal-fondi allokati għal-*patching.*

7.4 **Mozzjoni mressaq mill-Kunsillier – is-Sur John Baptist Camilleri (#267 – 27/6/11):**

*"Jipproponi li f' parti minn Triq is-Salini ninstallaw fustun dekorattiv għas-Sajf".*

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li dan għandu jsir minn ħdejn il-*Waterline* sa ħdejn il-Kunsill.

Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li tajjeb li jitpoġġa wieħed fi Triq iż-Żonqor kif taqbeż il-*Waterpolo pitch* sa ħdejn id-dar il-ħamra għax hemmek m'hemmx dawl.

Il-Kunsillier is-Sur John B. Camilleri qal li kif nagħmlu d-dawl il-ġdid fil-*lesuire park*, id-dawl ornamentali li hemm fil-preżent ser jiġi *refurbished* u nwaħħluhom kull fejn hemm bżonn.

8.0 ***Informazzjoni dwar l-Attivitajiet mill-Kunsilliera:***

8.1 Il-Kunsillier is-Sinjura Carmen Fearne qalet li ser ssir kompetizzjoni għat-tfal ta' bejn it-8 u t-12 il-sena li fil-preżent qed jattendu l-lezzjonijiet ta' l-arti sabiex jpinġu 36 maskot li wieħed minnhom ser jintuża għall-attivita` organizzata mill-MEPA. Hija talbet iktar informazzjoni fuq il-bużaqqa.

8.2 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi l-iskola tal-football tas-sajf fetħet. Dawn qed isiru kull nhar ta' Tlieta, Erbgħa u l-Ġimgħa filgħaxija u s-Sibt filgħodu għat-tfal ta' bejn is-6 u 16 il-sena. Huwa stieden il-Kunsilliera sabiex jattendu għal waħda minn dawn il-lezzjonijiet.

8.3 Il-Kunsillier is-Sur Daniel Spiteri nforma lill-Kunsilliera illi l-Marsaskala F.C rebaħ l-unur tal-*fair play* tat-tielet diviżjoni u ġie t-tielet post għal-*unur tal-fairplay* ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet diviżjoni.

9.0 **<u>Aġġornament :</u>**

L-Aġenda ġiet eżawrita kollha u l-laqgħa spiċċat fid-8.40p.m. Il-laqgħa li jmis ser tkun it-Tnejn 8 ta' Awissu 2011 fis-6.00pm.

***Josef Grech***
Segretarju Eżekuttiv

***Mario Calleja***
Sindku